MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 767/2015 LM

**Lucienne Pace Gouder (K.I. Numru 349380M)**

***vs.***

**Mark Flores Martin (K.I. Numru 288187M) u**
**Josephine Flores Martin (K.I. Numru 186854M) u**
**Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-11 ta' Awwissu, 2015 mill-attriċi **Lucienne Pace Gouder** (K.I. 349380M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar, tas-sena elfejn u tnax (2012) fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan, waqt li l-esponenti kienet passiġġiera fil-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni MFM 111 tal-għamla Toyota Aygo, liema vettura hija*

*assigurata mal-konvenuta Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143) u li hi proprjetà tal-konvenuta Josephine Flores Martin u li kienet qed tinstaq mill-konvenut Mark Flores Martin, seħħ inċident awtomobilistiku fejn l-istess vettura baqgħet dieħla ġo palma li hemm fil-ġenb tat-triq;*

2. *Illi minħabba l-fatt li l-esponenti sofriet ġrieħi gravi, din ittieħdet l-Isptar Mater Dei fejn ġiet ċċertifikata li kienet fil-periklu tal-mewt;*

3. *Illi konsegwentement, inżammet Inkjesta Maġisterjali mill-Maġistrat Dr Anthony G. Vella LL.D, li nnomina lis-segwenti esperti: Il-Perit Richard Aquilina, Dr Mario Buttigieg, Dr Mario Scerri, Dr Marisa Cassar, PS 122 Arthur Borg bħala Scene of Crime photographer u PS 826 Matthew Parnis bħala Scene of Crime Officer;*

4. *Illi l-inċident awtomobilistiku riferit seħħ unikament u esklussivament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Mark Flores Martin;*

5. *Illi l-kumpannija konvenuta Gasan Mamo Insurance Limited kienet l-assiguratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MFM 111 fil-mument tal-inċident fuq imsemmi u għalhekk hija responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-esponenti a tenur tal-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta) nonostante kwalunkwe restrizzjoni li jista' jkun hemm fil-polza ta' assikurazzjoni maħruġa għall-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MFM 111 u dan kif jipprovdi l-Artikolu 12 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi kawża ta' dan l-inċident awtomobilistiku, l-esponenti sofriet diżabilità permanenti, hekk kif konfermat mir-rapport tal-Konsulent Nevroloġista Dr Norbert R Vella, MD FRCP (London), kopja ta' liema rapport qiegħed jiġi anness u mmakat bħala 'Dok. A', u liema rapport mediku jindika d-diżabilità permanenti sofferta mill-esponenti;*

7. *Illi minkejja l-fatt li l-konvenuti ġew debitament interpellati permezz ta' ittra uffiċjali, datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. B', sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-esponenti fl-imsemmi inċident awtomobilistiku, baqgħu inadempjenti;*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan nhar*

*il-25 ta' Frar, 2012 waqt li l-konvenut Mark Flores Martin kien qiegħed isuq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni MFM 111 kif fuq premess u għall-konsegwenzjali danni sofferti mill-esponenti;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpannija konvenuta Gasan Mamo Insurance Limited hija responsabbli in solidum mal-konvenuti Mark Flores Martin u Josephine Flores Martin versu l-esponenti għad-danni kollha sofferti mill-esponenti konsegwenza tal-istess inċident u dana ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-esponenti attriċi konsegwenzjali għall-inċident riferit;*

4. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lill-esponent l-ammont hekk likwidat bħala dovut in linea ta' danni;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), u bl-interess legali kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Gasan Mamo Insurance Limited** (C 3143), (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), u maħlufa minn Maximilian sive Max Borg Bonello (K.I. 44574M), debitament awtorizzat, ippreżentata fl-10 ta' Settembru, 2015, li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament jiġi ddikjarat illi s-soċjetà esponenti kienet ħarġet il-polza tal-assikurazzjoni bin-numru A4054 0333059 f'isem l-intimata Josette Flores Martin fir-rigward tal-vettura proprjetà tagħha bin-numru tar-reġistrazzjoni MFM 111 għall-perijodu ta' bejn it-23 ta' Novembru, 2011 u l-31 ta' Jannar, 2012, liema polza ġiet imġedda sal-31 ta' Jannar, 2013; u liema polza assikurattiva kienet tkopri speċifikament lil 'The Insured and Any Person Over 25 Years' – hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikati tal-polza annessi u mmarkati bħala DOK. GM1 u DOK. GM2;*

2. *Illi jirriżulta illi fil-ġurnata tal-inċident mertu ta' din il-kawża, u jiġfieri fil-25 ta' Frar, 2012, il-vettura msemmija kienet qed tinstaq mill-intimat Mark Flores Martin illi kellu biss erbgħa u għoxrin (24) sena, u inoltre jirriżulta illi kien qiegħed isuq il-vettura msemmija waqt illi kien xurban (hekk kif ser jiġi espost fir-raba' eċċezzjoni infra) u kwindi t-termini u kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva*

*msemmija ma ġewx osservati mill-intimata Josette Flores Martin bħala l-assikurata; u mill-intimat Mark Flores Martin bħala s-sewwieq tal-vettura in kwistjoni. Għaldaqstant is-soċjetà esponenti qiegħda minn issa tirriserva kull u kwalunkwe dritt ta' rivalza illi jista' jkollha fil-konfront tal-intimati l-oħra kemm-il darba tkun kostretta tħallas xi danni ai termini ta' dak li jipprovdi l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, jirriżulta paċifikament illi s-soċjetà esponenti ma kkawżat l-ebda inċident, la direttament u lanqas indirettament, u kwindi l-ewwel talba tar-rikorrenti ma treġix fil-konfront tagħha, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u għandha għalhekk tiġi miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti kontra l-istess rikorrenti bl-ispejjeż;*

4. *Illi in kwantu għandha x'taqsam id-dinamika tal-inċident, jirriżulta illi fil-ħin tal-inċident, ir-rikorrenti – illi kienet riekba bħala passiġġiera fuq quddiem tal-vettura – mingħajr ma kienet liebsa ċ-ċintorin tas-sigurtà skont ma kellha l-obbligu legali li tagħmel. Inoltre, hija għażlet volontarjament illi tirkeb bħala passiġġiera mal-intimat Mark Flores Martin illi skont ma ġie kkonfermat fl-Inkjesta Maġisterjali 'kien jidher b'mod evidenti li kien xorob xi tip ta' alkoħol', 'kellu riħa qawwija ta' xorb alkoħoliku', jew kif rapportat fl-okkorrenza tal-Pulizija 'a persistent smell of alcohol'. Dan allura huwa każ fejn ir-rikorrenti stess kienet negliġenti kemm bħala passiġġiera, kif ukoll bħala persuna illi qiegħdet ħajjitha f'periklu evidenti u prevedibbli. Volenti non fit iniuria, u għaldaqstant ir-rikorrenti għandha twieġeb hi stess għad-danni illi allegatament sofriet in segwitu ta' dan l-inċident, u dana bl-ispejjeż kontriha;*

5. *Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti għandha tressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex tipprova d-danni illi allegatament sofriet in segwitu ta' dan l-inċident. Għal kull buon fini jiġi ddikjarat f'dan l-istadju illi r-rapporti mediċi ppreżentati mir-rikorrenti flimkien mar-rikors maħluf huma kkontestati mill-esponenti;*

6. *Illi fl-aħħarnett, ir-rikorrenti għandha tressaq kull prova ammissibbli skont il-liġi sabiex tipprova illi sal-lum ma rċeviet l-ebda kumpens jew ħlas ieħor in kumpens tad-danni allegatament sofferti minnha; u kemm-il darba rċeviet tali ħlas, dan għandu jitnaqqas minn kwalunkwe somma ta' danni illi għad tista' tiġi llikwidata minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Mark Flores Martin** (K.I. 288187M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), ippreżentata fil-11 ta' Jannar, 2016, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

*Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimat u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi l-intimat ma kkawża l-ebda danni lir-rikorrenti stante li l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni kien unikament ikkawżat mill-aġir tar-rikorrenti;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, b'applikazzjoni tal-prinċipju volenti non fit iniuria, l-ebda danni ma huma dovuti stante l-fatt li r-rikorrenti neħħiet is-seatbelt waqt li kienet riekba fil-vettura misjuqa mill-intimat kif ukoll b'riżultat tal-aġir tagħha;*

3. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti trid iġġib prova tad-danni allegatament sofferti minnha;*

4. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u f'kull każ, fl-eventwalità biss li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimata eċċipjenti hija responsabbli għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, tali responsabbilità ma tista' qatt tkun totali iżda dejjem parzjali;*

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Josephine Flores Martin** (K.I. 186854M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), ippreżentata fl-14 ta' Jannar, 2016, u maħlufa minnha stess, li biha eċċepiet:

*Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimata eċċipjenti u għandhom għalhekk jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess għas-segwenti raġunijiet –*

1. *Illi fuq bażi preliminari, jiġi umilment eċċepit li t-talba tar-rikorrenti hija preskritta fir-rigward tal-eċċipjenti intimata a tenur tal-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Illi wkoll fuq bażi preliminari, jiġi umilment eċċepit li l-intimata eċċipjenti mhix il-leġittima kontradittriċi stante li l-unika ness li hija għandha mal-mertu odjern*

*kien qua sid il-vettura bin-numru ta' reġsitrazzjoni MFM 111 li kienet involuta fl-inċident awtomobilistiku tal-25 ta' Frar 2012;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-intimata ma għandha ebda responsabbilità għall-akkadut u ma kkawżat l-ebda danni lir-rikorrenti;*
4. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll fil-mertu, l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni seħħ unikament b'riżultat tal-aġir tar-rikorrenti;*
5. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, b'applikazzjoni tal-prinċipju volenti non fit iniuria, l-ebda danni ma huma dovuti stante l-fatt li r-rikorrenti neħħiet is-seatbelt waqt li kienet riekba fil-vettura misjuqa mill-intimat kif ukoll b'riżultat tal-aġir tagħha;*
6. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti trid iġġib prova tad-danni allegatament sofferti minnha;*
7. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u f'kull każ, fl-eventwalità biss li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimata eċċipjenti hija responsabbli għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, tali responsabbilità ma tista' qatt tkun totali iżda dejjem parzjali;*
8. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess u f'kull każ, fl-eventwalità biss li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimata eċċipjenti hija responsabbli għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, m'hemmx lok għall-kundanna in solidum mal-konvenut l-ieħor;*
9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-atturi.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza wara li l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attriċi kienet involuta f'inċident awtomobilistiku waqt li kienet riekba bħala passiġġiera f'vettura misjuqa mill-konvenut Mark Flores Martin, liema vettura kienet tappartjeni lil ommu, il-konvenuta Josephine Flores Martin. L-inċident seħħ meta għal xi raġuni l-konvenut Mark Flores Martin tilef il-kontroll tal-vettura li kien qiegħed isuq u spiċċa daħal ġo siġra, bir-riżultat li l-attriċi sofriet ġrieħi li kkawżawlha debilità permanenti, liema debilità affettwatilha l-ħajja lavorattiva u soċjali tagħha, tant li sabiex reġgħet irreintegrat ruħha fid-dinja tax-xogħol, l-attriċi kellha bżonn diversi sessjonijiet ta' terapija. L-attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha saħqet li l-imsemmi inċident seħħ minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti da parti tal-konvenut Mark Flores Martin, u għalhekk talbet lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti Mark Flores Martin, Josephine Flores Martin u s-soċjetà assiguratriċi Gasan Mamo Insurance Limited, jew lil min minnhom, huma responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża, b'talba għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attriċi bil-konsegwenzjali talba għall-kundanna għall-ħlas.

Is-soċjetà konvenuta Gasan Mamo Insurance Limited min-naħa tagħha wieġbet li l-konvenuti l-oħra kisru diversi kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni, li kienet tkopri biss lil Josette Flores Martin bħala sewwieqa u lil kull sewwieq ieħor li jkun qabeż l-età ta' ħamsa u għoxrin sena. Fil-ġurnata tal-inċident, il-konvenut Mark Flores Martin kien għad għandu erbgħa u għoxrin sena. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li mir-riżultanzi tal-inkjesta maġisterjali rriżulta li s-sewwieq tal-vettura Mark Flores Martin kien taħt l-influwenza tal-alkoħol fil-ħin tal-inċident, filwaqt li l-attriċi, li kienet riekba bħala passiġġiera, ma kinitx liebsa s-*seatbelt*. F'kull każ is-soċjetà konvenuta

eċċepiet li hi ma kkawżat l-ebda inċident, u li qiegħda tirriserva kull jedd ta' rivalza li jista' jkollha fil-konfront tal-konvenuti l-oħra f'każ li tiġi kkundannata tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-attriċi.

Il-konvenut Mark Flores Martin eċċepixxa li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ unikament tort tal-attriċi li f'ħin minnhom ħasditu waqt is-sewqan meta avviċinatu u ppruvat tkun intima miegħu. Żied jgħid ukoll li l-attriċi ma kinitx liebsa s-*seatbelt* meta seħħ l-inċident, u jekk għandha tiġi apporzjonata xi forma ta' responsabbilità fil-konfront tiegħu, din semmai għandha tkun responsabbilità parzjali.

Il-konvenuta Josephine Flores Martin eċċepiet li l-azzjoni odjerna hija preskritta fil-konfront tagħha *ai termini* tal-artikolu 2154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u li hija mhix leġittima kontradittriċi stante li l-unika ness li hi għandha ma' dak li seħħ huwa li hija sid tal-vettura li kienet qiegħda tinstaq fil-mument tal-inċident, u li għalhekk hija m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-akkadut. Qalet ukoll li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba l-aġir tal-attriċi u minħabba l-fatt li din ma kinitx liebsa s-*seatbelt*, u jekk ser ikun hemm sejbien ta' responsabbilità għall-akkadut fil-konfront tagħha, din għandha tkun waħda parzjali u mhux totali.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-Rikors Maħluf, l-attriċi ppreżentat rapport mediku redatt mill-Konsulent Nevroloġiku **Dr Norbert R. Vella**[1], li eżamina lill-attriċi fl-10 ta' Jannar, 2014, ftit anqas minn sentejn wara li seħħ l-inċident. Dr Vella wara li

[1] *A fol.* 8 tal-proċess.

eżamina lill-attriċi ddettalja r-riżultanzi mediċi, fejn ġie stabbilit li hija qiegħda ssofri minn '*status post traumatic brain injury*' u minn '*residual memory impairment and emotional disturbance.'* F'dan ir-rapport mediku ġie kkonstatat li peress li l-eżami mediku tal-attriċi sar madwar tnejn u għoxrin xahar wara li seħħ l-inċident, il-kundizzjoni ta' saħħitha ma setgħetx tmur għall-aħjar jew titjieb aktar u matul dan iż-żmien l-attriċi laħqet *maximal medical improvement.* Dr Norbert Vella kkonkluda li konsegwenza tal-imsemmi inċident, l-attriċi qiegħda ssofri minn "*sindrome* frontali proprija: forma minuri bl-aljenazzjoni, lajma, memorja batuta u diffikultà biex jinftiehmu ideat kumplessi, ftit jew xejn diffikultà biex jinżammu relazzjonijiet soċjali u familjari, u li din is-*sindrome* twassal għal debilità permanenti ta' bejn 10 u 20%". Dr Norbert Vella kkonkluda, abbażi ta' dak li rriżultalu waqt l-eżami tal-attriċi, li konsegwenza ta' dan l-inċident, hija qiegħda ssofri minn diżabilità permanenti ta' sittax fil-mija (16%).

Flimkien mar-risposta maħlufa ppreżentata mis-soċjetà konvenuta, ġiet esebita kopja tal-polza tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-vettura tal-għamla Toyota Aygo bin-numru ta' reġistrazzjoni MFM 111 li fil-mument tal-inċident kienet misjuqa mill-konvenut Mark Flores Martin.[2] Minn dan id-dokument jirriżulta li l-polza tal-assigurazzjoni kienet inħarġet f'isem Josette (Josephine) Flores Martin, u s-sewwieqa awtorizzati biex isuqu din il-vettura kienu Josette Flores Martin innifisha, u kull sewwieq li jkollu aktar minn 25 sena.

Permezz ta' nota tas-17 ta' Settembru, 2015, l-attriċi ppreżentat għadd ta' dokumenti in sostenn tat-talbiet tagħha f'din il-kawża, fosthom kopja tal-atti tal-inkjesta miżmuma mill-Maġistrat Anthony G. Vella b'rabta ma' dan l-

[2] *A fol.* 24 tal-proċess.

inċident[3], u minn fejn jirriżulta li l-Pulizija istitwiet proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenut Mark Flores Martin. Mill-atti ta' din l-inkjesta jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-vettura misjuqa mill-konvenut Mark Flores Martin, u li l-attriċi kienet riekba fiha bħala passiġġiera, baqgħet dieħla ġo siġra, li kienet imħawla fis-*centre strip* ta' Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan. Konsegwenza ta' dan l-inċident l-attriċi weġġgħet gravi, filwaqt li l-vettura involuta fl-inċident ġiet ikklassifikata bħala *beyond economical repair.* Mark Flores Martin ma kienx is-sid tal-vettura involuta fl-inċident, u rriżulta wkoll li hu ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni sabiex isuq l-istess vettura. Mill-atti tal-inkjesta jirriżulta wkoll li l-konvenut Mark Flores Martin kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol u wara l-inċident dan kien irrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs lill-Pulizija.

Ġiet esebita wkoll kopja tar-relazzjoni tal-**Perit Richard Aquilina,** maħtur bħala espert tal-Qorti sabiex jassisti f'din l-inkjesta, li fir-rapport tiegħu ta d-dettalji tal-ħsarat sostnuti mill-vettura, u kkonstata wkoll li ma kien hemm l-ebda sinjali ta' *brakemarks* jew tkaxkir ta' *tyres* mal-art fil-post fejn seħħ l-inċident, u fil-mument tal-inċident it-triq kienet xotta;[4] kopja tar-relazzjoni tal-espert tal-Qorti il-**P.L. Mario Buttigieg**[5], li ġabar ix-xhieda ta' numru ta' persuni b'rabta ma' dan l-inċident, u li kkonstata, wara li sema' numru ta' xhieda u għamel rikostruzzjoni ta' dan l-inċident, li l-konvenut Mark Flores Martin:

> "kien qed isuq b'veloċità ferm aktar baxxa minn dik stabbilita minn kalkoli xjentifiċi sabiex hu qatt ma seta' jitlef il-kontroll tal-vettura tiegħu."

[3] *A fol.* 28 *et seq.* tal-proċess.
[4] *A fol.* 29 tal-proċess.
[5] *A fol.* 38 *et seq.* tal-proċess.

Dan l-espert stabbilixxa li għal xi raġuni, u minkejja li l-konvenut kien qiegħed isuq fil-limiti ta' veloċità stabbiliti, l-attriċi xorta waħda sostniet ġrieħi gravi kawża ta' dan l-inċident. Dan l-espert ikkonkluda wkoll li fil-mument tal-inċident, l-attriċi ma kinitx liebsa *seatbelt*, u s-sewwieq tal-vettura ma ħa ebda azzjoni evażiva jew ipprova jżomm il-brejkijiet sabiex jevita l-inċident. In vista ta' dan, Mario Buttigieg ikkonkluda li fil-mument tal-inċident, Mark Flores Martin kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu b'mod perikoluż u negliġenti, u konsegwenza ta' dan kellhom jinbdew proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu.

L-attriċi esebiet ukoll kopja tar-relazzjoni mediko-legali li saret minn **Dr Mario Scerri**[6] li fir-relazzjoni tiegħu kkonkluda li l-leżjonijiet fuq il-konvenut Mark Flores Martin kienu ta' natura ħafifa u kienu kompatibbli ma' *seatbelt injuries,* filwaqt li l-leżjonijiet fuq il-persuna tal-attriċi kienu ta' natura gravi, għalkemm il-kundizzjoni tagħha baqgħet stabbli u tjiebet maż-żmien.

Relazzjoni oħra esebita kienet dik ta' **Dr Marisa Cassar**, li għamlet testijiet forensiċi fuq l-oġġetti elevati minn fuq is-sit tal-inċident.[7] Parti mill-inkjesta kienet tinkludi relazzjoni tal-**PS 122 Arthur Borg**, li ġie nnominat bħala *scene of crime photographer* mill-Maġistrat li mexxa l-inkjesta, u li ppreżenta kopja tar-ritratti meħuda minnu fuq is-sit tal-inċident[8], kif ukoll kopja tar-relazzjoni ta' **PS 826 Matthew Parnis**[9], *scene of crime officer*. L-inkjesta maġisterjali kienet tinkudi wkoll kopja tar-rapport ta' **Dr Rebecca Camilleri**,

[6] *A fol.* 108 *et seq.* tal-proċess.
[7] *A fol.* 124 *et seq* tal-proċess.
[8] *A fol.* 130 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 149 tal-proċess.

*neuropsychologist*[10], li għamlet eżami kliniku fuq l-attriċi wara l-inċident, u li kkonstatat illi:

> *"... Lucienne is experiencing significant changes in all three domains of personality and behaviour. For example since the accident Lucy has become more apathetic and gets less involved in things which are of interest to her. No other significant changes in behaviour are noted before and after the accident. Significant changes were also reported in Executive Functioning and Disinhibition where Lucy has become more disinhibited since the accident and has more difficulties in executive functioning such as planning ahead, organising tasks, multi-tasking, awareness of problems or mistakes, etc."*

L-attriċi l-*affidavit* tagħha[11] qalet li fl-25 ta' Frar, 2012, hi kienet riekba bħala passiġġiera fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MFM 111 misjuqa mill-konvenut Mark Flores Martin, meta seħħ l-inċident fi Triq Mikiel Anton Vassalli, ġewwa San Ġiljan. Żiedet tgħid li hi ma tiftakar xejn dwar dan l-inċident, u li dak kollu li taf, hi saret tafu wara li qamet mill-*induced coma* li tpoġġiet fiha meta kienet rikoverata l-Isptar. Kompliet tgħid li wara li ħarġet mill-Isptar, madwar erba' ġimgħat wara li seħħ l-inċident, hija kellha problemi ta' memorja, tant li spiss kienet taħseb li għadha studenta l-Università, u kellha problemi ta' orjentazzjoni, fejn anki meta toħroġ mid-dar spiss kienet tintilef. Qalet li dan kollu wassalha biex tingħalaq fid-dar, tant li għal xhur sħaħ kienet tibża' toħroġ waħedha, u meta reġgħet bdiet toħroġ kienet tmur biss s'għand familjari li joqogħdu fil-viċinanzi. Kompliet tgħid li l-akbar problema tagħha wara l-inċident hi relatata mal-memorja, fejn sabet li bdiet tinsa anki l-aktar affarijiet bażiċi ta' kuljum. Spjegat li bdiet tiffaċċja problemi fix-xogħol tagħha, u minkejja li qabel l-inċident kienet tagħmel xogħol b'rabta mad-*degree* Universitarja tagħha, wara l-inċident bdiet taħdem bħala *waitress* u xi

---

[10] *A fol.* 156 tal-proċess.
[11] *A fol.* 164 tal-proċess.

drabi jkollha diffikultajiet anki biex tagħmel dan it-tip ta' xogħol. L-attriċi qalet li attendiet għal sessjonijiet ta' *occupational therapy* fl-Isptar Karen Grech sabiex tirreintegra ruħha fid-dinja tax-xogħol, u minkejja li sabet impjieg fl-Università ta' Malta, il-kuntratt tagħha hu wieħed definit, u in vista ta' dak kollu li għaddiet minnu wara l-inċident, għadha tibża' li l-futur tagħha bħala xogħol hu wieħed inċert u instabbli. L-attriċi qalet li l-inċident m'affettwahiex biss fix-xogħol, iżda wkoll fil-ħajja soċjali tagħha, fejn sabet ruħha tiddependi ħafna fuq il-ġenituri tagħha, u konsegwenza ta' dan f'xi waqtiet tinħakem minn dipressjoni qawwija.

L-attriċi ppreżentat rapport redatt minn **Anabel Cortis**, *senior occupational therapist* fl-Isptar Karen Grech, li fir-rapport tagħha[12] qalet li mill-eżamijiet inizjali li saru fuq l-attriċi waqt li kienet għadha rikoverata fl-Isptar Mater Dei, kien ġie stabbilit li kellha:

> *"... severe cognitive difficulties accompanied by communication problems and very poor concentration span. By the time of discharge from Mater Dei, Lucy had become able to understand simple to moderate verbal commands and she had also started to speak."*

Fir-rapport tagħha kompliet tgħid li l-ewwel darba li rat lill-attriċi f'Mejju tal-2012, hija kienet għadha qiegħda tesperjenza diffikultajiet speċjalment dawk relatati mal-memorja, tant li kienet qiegħda taħseb li kienet għadha studenta l-Università u spiss kienet tqum billejl taħseb li l-għada għandha xi eżami. Żiedet tgħid ukoll li l-attriċi ma setgħetx tiftakar x'kien ġralha jew iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-inċident inkwistjoni. Qalet ukoll li l-attriċi attendiet għal diversi sessjonijiet ta' terapija, u fir-rapport tagħha rrakkommandat li l-attriċi tibqa'

[12] *A fol.* 169 tal-proċess.

tattendi għal dawn it-tip ta' sessjonijiet sabiex dejjem ittejjeb il-qagħda tagħha.

L-attriċi ppreżentat ukoll kopja tar-rapport tal-**Ispettur Godwin Scerri**[13], li kien wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija li mar fuq il-post tal-inċident ftit wara li seħħ, u qal li meta l-Pulizija waslet fuq il-post sabet il-vettura tal-għamla Toyota Aygo maħbuta b'żewġ persuni fiha. Żied jgħid li x-xufier Mark Flores Martin ħareġ mill-vettura waħdu għalkemm mill-ewwel ġie stabbilit li dan kellu riħa qawwija ta' xorb alkoħoliku, u l-attriċi kienet għadha fil-vettura mitlufa minn sensiha, tant li din ittieħdet l-Isptar Mater Dei ftit tal-minuti wara. L-Ispettur Scerri żied jgħid li l-konvenut Mark Flores Martin irrifjuta li jissottometti ruħu għat-testijiet tan-nifs sabiex jiġi stabbilit il-livell ta' alkoħol li kellu fid-demm, u l-Pulizija riedu jagħmlu dan l-eżami minħabba fir-riħa ta' alkoħol li kellu l-konvenut. L-Ispettur Scerri qal wkoll li l-vettura involuta fl-inċident kienet tappartjeni lil omm il-konvenut, u din kellha polza tal-assigurazzjoni li ma tkoprix persuni li ma jkunux għalqu l-ħamsa u għoxrin sena.

L-attriċi ppreżentat ukoll rapport mediku imħejji minn **Dr Anton Grech**[14], *consultant psychiatrist,* li qal li l-attriċi sofriet tibdil fil-personalità tagħha wara l-inċident:

> *"Regarding her capacity to work she is not capable to perform as she used to before the accident. She has lost the capacity to multi-task and to plan tasks that are not simple. She has noted a marked decrease in her concentration. She is finding it more difficult to withstand pressure, and she has also lost a lot of her self-confidence."*

---

[13] *A fol.* 175 tal-proċess.
[14] *A fol.* 177 tal-proċess.

Omm l-attriċi, **Barbara Pace Gouder**, fl-*affidavit* tagħha[15] qalet li dakinhar li seħħ l-inċident hi kienet qiegħda d-dar tagħha meta ġiet infurmata mill-Pulizija li bintha kienet involuta f'inċident stradali. Qalet li minnufih hija marret l-Isptar fejn ġiet infurmata li bintha kellha ġrieħi sostanzjali f'rasha u kienet qiegħda tinżamm fit-Taqsima tal-Kura Intensiva, fejn b'kollox inżammet għal għaxart ijiem f'koma. Żiedet tgħid li sussegwentement bintha ġiet trasferita fin-*Neuro Surgical Ward,* fejn bdiet tirrispondi għall-istimuli li bdew isirulha, u wara bdiet tingħata terapija sabiex reġgħet bdiet timxi u tiekol waħedha. Qalet li meta hi u r-raġel tagħha ngħataw il-parir li jieħdu lil binthom id-dar minħabba li l-ambjent tal-Isptar ma kienx l-aktar wieħed ideali għaliha, hi bdiet tinduna li bintha kienet qiegħda ssofri minn problemi kbar konsegwenza tal-inċident li kellha, fosthom li kienet tqum f'nofs ta' lejl timmaġina li l-għada kellha xi eżami, u bdiet tiddubita dwar jekk iċ-ċertifikat tal-gradwazzjoni tagħha kienx awtentiku jew le. Żiedet tgħid li lill-attriċi għenuha ħafna s-sessjonijiet li kien ikollha man-*neuropsychologist* Rebecca Camilleri, kif ukoll is-sessjonijiet li din kien ikollha mal-*occupational therapist.* Qalet li bil-mod il-mod bintha bdiet tagħmel xogħol volontarju ma' diversi organizzazzjonijiet sabiex tiġi mgħejuna tirreintegra ruħha fil-ħajja lavorattiva, għalkemm kienet twassalha hi u terġa' tmur għaliha hi, minħabba li kellha l-biżgħa li l-attriċi setgħet tintilef jew b'xi mod ma jirnexxilhiex tasal lura d-dar. Omm l-attriċi ddeskriviet ukoll dak li bintha għaddiet minnu bħala xogħol meta darbtejn tilfet impjiegi li kellha minħabba fid-diffikultajiet li bdiet tiffaċċja konsegwenza tal-inċident.[16] Żiedet tgħid li għal żmien twil bintha

[15] *A fol.* 200 tal-proċess.

[16] Fi kliem ix-xhud, "Wara sena u nofs, ħasbet li kienet ħafna aħjar u ddeċidiet li tapplika għal xogħlijiet li kellhom responsabbiltajiet ugwali għal dawk ix-xogħlijiet li kellha qabel. L-MCAST kien l-ewwel entità li taha xogħol, speċjalment minħabba l-esperjenzi tagħha fil-proġetti. Sfortunatament, wara erba' xhur tilfet ix-xogħol. Il-problema kienet li ma setgħetx timplimenta u tikkoordina affarijiet kumplessi, xi ħaġa li kienet taf tagħmel qabel l-inċident. It-tieni xogħol tagħha kien *executive* mal-Malta Tourism Authority, fejn reġgħet tilfet ix-xogħol u wara biss xahar minħabba li kellha

kellha timpjega ruħha f'postijiet tax-xogħol li kienu jirrikjedu kwalifiki baxxi, sakemm finalment irnexxielha ssib impjieg bħala *project coordinator* fl-Università ta' Malta, liema impjieg iżda huwa b'kuntratt definit ta' tmintax-il xahar. Ix-xhud qalet li wara l-inċident il-karattru ta' bintha nbidel, tant li hija sar għandha temperament u memorja qasira ħafna, tant li meta tiġi murija stampi u ritratti ta' avvenimenti li seħħew ftit qabel l-inċident, ikun diffiċli għaliha li tgħid meta u fejn seħħew dawk l-avvenimenti. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li dawn il-bidliet f'bintha seħħew wara l-inċident.

Fl-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2016 xehed il-**P.L. Mario Buttigieg**[17], li kien inħatar bħala espert fl-Inkjesta sabiex jagħmel rikostruzzjoni tal-inċident u biex jieħu x-xhieda tal-partijiet involuti fl-inċident stradali mertu tal-kawża. Dan ix-xhud qal li lilu kien irriżultalu li l-vettura involuta f'dan l-inċident kienet tappartjeni lil omm il-konvenut Mark Flores Martin, u li fil-mument tal-inċident dan kien qiegħed isuq b'veloċità pjuttost normali ta' madwar tnejn u sittin kilometru fis-siegħa (62 kfs). Qal li biex wieħed jitlef il-kontroll ta' vettura fit-tip ta' triq li kienu għaddejjin minnha l-partijiet, wieħed ried ikun qiegħed isuq b'veloċità ta' aktar minn mija u sitta u għoxrin kilometru fis-siegħa (126 kfs). Ix-xhud żied jgħid li lilu rriżultalu li fil-ħin tal-inċident l-attriċi ma kinitx liebsa *seatbelt*, u spiċċat fil-periklu tal-mewt minħabba fil-ġrieħi li sostniet f'rasha. Żied jgħid li meta eżamina l-vettura, kien sab xagħar imwaħħal mad-*dashboard* fuq l-*aircondition unit,* u minn dak li qalulu x-xhieda kien irriżultalu li l-persuni involuti f'dan l-inċident kienu marru fl-inħawi tal-Għargħur magħrufa bħala '*Top of the World',* fejn xorbu flixkun inbid, u wara kienu qegħdin isuqu lejn id-

bżonn tuża *skills multitasking* għax-xogħol u ma setgħetx tagħmel dan minħabba d-dannu li sofriet. F'dawn iż-żminijiet erġajt indunajt li xi ħaġa nbidlet f'Lucienne. Qabel l-inċident kienet kapaċi taħdem fuq proġetti u xogħlijiet differenti fl-istess ħin bla problemi ta' xejn."

[17] *A fol.* 214 tal-proċess.

dar meta f'ħin minnhom l-attriċi neħħiet is-*seatbelt* u avviċinat lill-konvenut, li kien qiegħed isuq il-vettura, u ppruvat tkun intima miegħu waqt li dan kien għadu qiegħed isuq. Ix-xhud qal li l-ħsarat li sab fil-vettura huma kompatibbli mal-verżjoni mogħtija lilu mill-konvenut Mark Flores Martin.

Fl-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2016, xehed **Dr Anton Grech**[18], li kien ħejja rapport mediku fir-rigward tal-attriċi f'Ottubru tal-2014, li qal li wara l-inċident l-attriċi saret pazjenta tiegħu. Ix-xhud ikkonferma l-kontenut tar-rapport mediku mħejji minnu filwaqt li qal li m'għandu xejn x'iżid miegħu.

Fl-istess udjenza xehdet **Anabel Cortis**, *occupational therapist* fl-Isptar San Luqa[19], li qalet li l-attriċi kienet ġiet imħajra tagħmel xogħol volontarju sakemm terġa' tirreintegra ruħha fid-dinja tax-xogħol. Żiedet tgħid li l-attriċi sofriet minn korriment f'rasha, li affettwa l-abbiltajiet mentali tagħha, partikolarment fejn jidħlu l-memorja u l-ippjanar, b'mod li ġie affettwat il-funzjonament tagħha fuq il-post tax-xogħol.

Fl-istess udjenza xehdet ukoll **Roseanne Scerri**[20], *occupational therapist* fl-Isptar San Luqa, li qalet li hija kienet tagħmel sessjonijiet mal-attriċi minħabba li din kellha diversi problemi ta' *executive skills,* li huma l-abbiltajiet li persuna għandu bżonn biex ikun jista' jippjana, jorganizza, jirregola lilu nifsu, u biex jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu.

Fl-udjenza tas-6 ta' Frar, 2017 xehed **Joseph Saliba,** in rappreżentanza ta' Jobs Plus[21], li ppreżenta kopja tal-*employment history* tal-attriċi.[22] Dan ix-xhud

[18] *A fol.* 228 tal-proċess.
[19] *A fol.* 230 tal-proċess.
[20] *A fol.* 233 tal-proċess.
[21] *A fol.* 238 tal-proċess.

spjega li sad-29 ta' Frar 2012, l-attriċi kienet taħdem bħala *project manager,* filwaqt li fil-perijodu bejn it-22 ta' April, 2013 u l-31 ta' Awwissu, 2013 hi kienet taħdem l-MCAST. Fis-17 ta' Frar, 2014 hi daħlet taħdem l-Malta Tourism Authority, fejn spiċċat fit-18 ta' Marzu, 2014. Qal ukoll li fil-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 u l-31 ta' Jannar, 2016, l-attriċi kienet taħdem ġewwa l-Università ta' Malta. Żied jgħid li fil-preżent l-attriċi taħdem ma' Lino Spiteri Foundation bħala *profiling executive.*

Fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2017 xehdet **Josephine Flores Martin**[23], omm il-konvenut u sid tal-vettura tal-għamla Toyota Aygo bin-numru ta' reġistrazzjoni MFM 111 li kienet involuta fl-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qalet li l-vettura tagħha kienet assigurata ma' Gasan Mamo Insurance, u dakinhar li seħħ l-inċident hi kienet taħt l-impressjoni li t-tifel tagħha, li dak iż-żmien kien għadu m'għalaqx l-24 sena, kien kopert bil-polza tal-assigurazzjoni li kellha l-vettura. Qalet li hi dejjem kienet tassigura li t-tfal tagħha jkunu jistgħu jsuqu l-vetturi tagħha.

Permezz ta' nota tal-25 ta' April, 2017, l-attriċi ppreżentat għadd ta' *FS3 forms*[24] bħala prova tat-tip ta' introjtu li hi kellha mid-diversi impjiegi li kellha matul is-snin.

Fl-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2017 xehed **Christian Vella**[25], *senior claims adjustor* mas-soċjetà konvenuta Gasan Mamo Insurance Limited. Ix-xhud qal li jumejn wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, l-*policy holder,* Josette Flores Martin, kienet għamlet kuntatt magħhom sabiex tinformahom li kien seħħ

[22] *A fol.* 241 tal-proċess.
[23] *A fol.* 249 tal-proċess.
[24] *A fol*. 256 *et seq* tal-proċess.
[25] *A fol.* 280 tal-proċess.

inċident bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MFM 111. Żied jgħid li min-naħa tas-soċjetà konvenuta kienu taw parir lis-Sinjura Flores Martin sabiex hekk kif it-tifel tagħha Mark jiġi rilaxxjat mill-Isptar, dan jagħmel kuntatt mas-soċjetà assiguratriċi. Ix-xhud żied jgħid li dakinhar li seħħ l-inċident, is-sewwieq Mark Flores Martin ma kienx awtorizzat biex isuq din il-vettura minħabba li din setgħet tiġi misjuqa biss minn *the insured* Josette Flores Martin u minn kull persuna li tkun qabżet l-età ta' ħamsa u għoxrin sena, filwaqt li fid-data tal-inċident Mark Flores Martin kien għad għandu erbgħa u għoxrin sena. Ix-xhud żied jgħid li min-naħa tas-soċjetà konvenuta kien sar *survey* fuq il-vettura fil-5 ta' Marzu, 2012, u dakinhar kien ġie stabbilit li l-passiġġiera li kienet riekba fil-vettura ma kinitx liebsa *seatbelt* meta seħħ l-inċident. Żied jgħid li l-vettura ġiet iddikjarata bħala *total loss.* Qal ukoll li Josette Flores Martin qatt m'avviċinat lis-soċjetà konvenuta sabiex titħallas tal-vettura tagħha, filwaqt li t-tifel tagħha Mark baqa' ma marx fl-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu ta' dak li kien ġara. Qal ukoll li fis-17 ta' Mejju, 2013, is-soċjetà konvenuta kienet irċeviet kopja tal-inkjesta maġisterjali fejn ġie kkonstatat li l-konvenut Mark Flores Martin kellu riħa qawwija ta' alkoħol wara l-inċident, u dan kien irrifjuta li jagħmel *breathalyzer test.* Żied jgħid li wara li nfetħet din il-kawża, is-soċjetà konvenuta kienet formalment innotifikat lil Josette Flores Martin u lil binha Mark li huma kienu kisru l-kundizzjonijiet tal-polza, u li għalhekk is-soċjetà assiguratriċi kienet qiegħda tirriserva d-dritt ta' rivalza kontrihom.

Ix-xhud kompla bix-xhieda tiegħu waqt l-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2017[26], fejn qal li qabel l-inċident inkwistjoni, il-konvenuta Josette Flores Martin kellha żewġ vetturi assigurati mas-soċjetà Gasan Mamo Insurance, li kienu assigurati

[26] *A fol.* 289 tal-proċess.

b'polza *third party only.* Żied jgħid li dawn iż-żewġ vetturi setgħu jinstaqu biss minn Josette Flores Martin u minn kull persuna li tkun qabżet l-età ta' ħamsa u għoxrin sena.

Fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2017 xehed **Colin Cassar**[27], li spjega li hu jaħdem bħala *motor vehicle assessor,* u qal li hu kien intalab mis-soċjetà Gasan Mamo Insurance Limited biex jeżamina l-vettura inkwistjoni. Ix-xhud qal li l-vettura kellha ħsarat estensivi, u hu kien irrakkomanda fir-rapport tiegħu li din tiġi *scrapped*. Ix-xhud qal ukoll li minn dak li kkonstata meta eżamina l-vettura, irriżultalu li l-attriċi ma kinitx liebsa *seatbelt* meta seħħ l-inċident u kien għalhekk li din sfat feruta gravament.[28] Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport li hu ħejja għas-soċjetà assiguratriċi.[29]

Fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2017 sar il-kontroeżami tal-attriċi[30], li qalet li hi tiftakar 'ftit' minn dak li ġara għalkemm qalet li ma tafx li kienet riekba fil-vettura ma' Mark Flores Martin. Żiedet tgħid li lill-konvenut kienet tafu minħabba li kien jiffrekwenta l-istess postijiet li kienet tmur fihom hi, u qalet li wara l-inċident m'għadx għandha l-ebda tip ta' relazzjoni miegħu. Minkejja d-domandi li sarulha waqt dan il-kontroeżami l-attriċi ftit li xejn tat dettalji u qalet li għandha problemi ta' memorja fir-rigward ta' dak li ġara qabel l-inċident.

[27] *A fol.* 291 tal-proċess.

[28] Fi kliem ix-xhud, "f'każ bħal dan, ovvjament, dejjem narawhom aħna s-*seatbelts,* l-*airbags.* Naraw x'ġara u ma ġarax fihom. Ovvjament, in-naħa tad-*driver* iva, kien liebes *seatbelt* għaliex meta tiegħu daqqa l-vettura x'ħin tittrigerja s-*seatbelt* u tibblowja l-*airbag,* is-*seatbelt* jillokkja fil-pożizzjoni tal-ħabta ta' meta l-ECU ittrigerja meta kien hemm l-impatt. Issa, in-naħa tal-passiġġier is-*seatbelt* kien għadu *in its closed position*. Voldieri, għadu ssikkat mal-pilastru. Jiġifieri anke jekk tipprova tiftħu dak il-ħin, mintix ħa tiftħu. Voldieri dak il-ħin jillokkja kif kien fil-bidu tal-ħabta u jibqa' hekk. Ovvjament, jinġibed tikka lura ... Is-*seatbelt* xogħlu huwa li mal-ħabta jirritrektja 'l ġewwa *a few inches* ħalli jekk ikollok il-ħwejjeġ fuqek jieħu *a sort of ...* jeħodha hu biex lilek iħallik ġos-*seat* biex inti ma tmurx 'il quddiem.

[29] *A fol.* 294 *et seq.* tal-proċess.

[30] *A fol.* 350 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Barbara Pace Gouder**, omm l-attriċi[31], li qalet li bintha qatt ma kienet qaltilha xejn dwar il-ħbiberija li kellha mal-konvenut. Ix-xhud qalet li minkejja li ppruvat titkellem ma' bintha dwar dan l-inċident diversi drabi, madanakollu qatt ma rnexxielha tislet xi informazzjoni dwar id-dinamika tal-inċident, u dan minħabba li bintha ma tiftakar proprju xejn dwar dak li seħħ. Ix-xhud ikkonkludiet li wara l-inċident, bintha marret lura f'diversi aspetti.

Fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Dr Anton Grech**[32], li qal li l-ewwel darba li eżamina lill-attriċi kien fis-26 ta' Settembru, 2013, u qabel seħħ l-inċident din ma kinitx pazjenta tiegħu. Ix-xhud qal li l-memorja tal-attriċi ġiet affettwata minħabba l-*brain damage* li sofriet, u li affettwalha l-*verbal memory* tagħha. Ix-xhud kompla jispjega li meta wieħed ikollu *head injury,* jista' jkun li tiġi affettwata l-memorja, u fil-każ tal-attriċi dan l-inċident affettwalha l-memorja b'mod retroattiv tant li ma tiftakar xejn minn dak li għaddiet minnu fil-mumenti ta' qabel l-inċident. Ix-xhud qal li hu eżamina lill-attriċi erbatax-il darba, u meta marret għandu fil-bidu kellha sintomi ta' ansjetà u nuqqas ta' *self-esteem* li kienu qegħdin jaffettwawha anki soċjalment. Qal ukoll li fejn jidħol il-*brain damage,* dan ġie assessjat minn *neuropsychologist,* li kkonkluda li wara sena u nofs mill-inċident ma tantx seta' jkun hemm aktar titjib fil-qagħda tal-attriċi. Żied jgħid li fil-fehma tiegħu l-attriċi sofriet debilità permanenti fil-grad ta' għaxra fil-mija (10%).

Permezz ta' nota tas-16 ta' Frar, 2018, is-soċjetà assiguratriċi Gasan Mamo Insurance Limited esebiet kopja ta' ittra uffiċjali bid-data tas-26 ta' Jannar,

[31] *A fol.* 354 tal-proċess.
[32] *A fol.* 359 tal-proċess.

2016 fl-ismijiet 'Gasan Mamo Insurance Limited *vs.* Josette Flores Martin et'[33], u kopja legali ta' ittra uffiċjali oħra tat-13 ta' Settembru, 2017 fl-ismijiet 'Gasan Mamo Insurance Limited *vs.* Josette Flores Martin et'[34], u li permezz tagħhom il-konvenuta Josette Flores Martin ġiet mgħarrfa bil-ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni, u konsegwenza ta' dan is-soċjetà assiguratriċi kienet qiegħda tirriserva d-dritt ta' rivalza kontra l-konvenuti l-oħra, Josette u Mark Flores Martin.

Fl-udjenza tas-16 ta' Frar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Dr Anabel Cortis**[35], li kkonfermat li lill-attriċi ma kinitx tafha qabel l-inċident, u hija kienet ġabret informazzjoni dwarha minn dak li qalulha l-ġenituri tal-attriċi. Din ix-xhud qalet li l-kundizzjoni tal-attriċi tjiebet fiż-żmien meta hija kienet taraha, għalkemm qalet ukoll li din għad għandha diversi limitazzjonijiet. Ix-xhud qalet li hi ġabret ħafna informazzjoni mingħand persuni viċin tal-attriċi sabiex setgħet tgħinha terġa' tħaddem il-memorja tagħha. Kompliet tgħid li hi kienet ikkonstatat li l-attriċi kienet passiġġiera f'vettura meta seħħ l-inċident, u minkejja li diversi persuni viċin l-attriċi kienu tkellmu magħha dwar il-mod kif seħħ dan l-inċident, hi baqgħet ma setgħetx tagħti l-verżjoni tagħha dwar x'kien li ġara, għajr għal dak li kienet semgħet mingħand terzi.

Il-konvenuta **Josephine sive Josette Flores Martin** fl-*affidavit* tagħha[36] qalet li hi kienet ġiet infurmata bl-inċident li kien involut fih it-tifel tagħha fil-25 ta' Frar, 2012 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu, permezz ta' telefonata li hi rċeviet mill-Isptar Mater Dei. Qalet li dakinhar stess hi għamlet kuntatt mas-soċjetà

[33] *A fol.* 373 tal-proċess.
[34] *A fol.* 377 tal-proċess.
[35] *A fol.* 379A tal-proċess.
[36] *A fol.* 384 tal-proċess.

konvenuta sabiex tiftaħ il-*claim* tagħha, u ftit wara hi kienet ġiet infurmata mill-istess kumpannija li l-polza li kellha kienet tkopri biss lilha bħala sewwieq ewlieni, u lil kull persuna li tkun qabżet l-età ta' 25 sena. Qalet li dan il-fatt kien stramb għaliha minħabba li kull vettura li hija kellha, dejjem kienet tkun assigurata b'mod li jkunu jistgħu jsuquha t-tfal tagħha. Il-konvenuta ppreżentat ukoll polza tal-assigurazzjoni fir-rigward ta' vettura oħra li hi kellha għall-perijodu bejn l-2008 u l-2009, minn fejn jirriżulta li ż-żewġt itfal tal-konvenuta, Mark u Michael kienu rreġistrati bħala sewwieqa awtorizzati fuq dik il-vettura tal-għamla Fiat. Qalet li hi dejjem tat l-istess struzzjonijiet lis-soċjetà assiguratriċi tagħha, u l-polza tal-assigurazzjoni għas-sena 2010 u 2011 hi żbaljata minħabba li hemm inkongruenza bejn dak li jgħid is-*certificate of motor insurance,* li jgħid li l-vettura tista' tinstaq minnha u minn kull persuna li għandha aktar minn 25 sena, u s-*schedule attaching to and forming part of the policy,* fejn jirriżulta li tliet persuni lkoll taħt l-età ta' 25 sena setgħu jsuqu l-vettura. Ix-xhud kompliet tgħid li hija kienet akkwistat il-vettura tal-għamla Toyota Aygo fl-2012, u meta ħarġet din il-vettura hi kienet marret fl-uffiċċju li s-soċjetà assiguratriċi għandha f'Ħal Qormi u infurmathom li hi xtaqet iżżomm l-istess tip ta' polza fuq il-vettura tagħha, bil-ħsieb li t-tfal tagħha ser ikunu wkoll koperti. Qalet ukoll li meta hi marret iġġedded il-polza tal-assigurazzjoni tagħha wara li seħħ dan l-inċident, kienet ġiet infurmata mill-istess soċjetà assiguratriċi li binha Mark ma setax jiġi inkluż bħala sewwieq awtorizzat.

Il-konvenut **Mark Flores Martin** fl-*affidavit* tiegħu[37] qal li dakinhar tal-inċident, hu kien qiegħed isuq l-vettura ta' ommu tal-għamla Toyota Aygo u kellu lill-attriċi Lucianne Pace Gouder bħala passiġġiera miegħu. Żied jgħid li lill-attriċi

[37] *A fol.* 409 tal-proċess.

hu qajla kien jafha, u li dakinhar tal-inċident hu kien daħal id-dar ta' ommu wara li ltaqa' ma' xi ħbieb, iżda wara xi ħin kien sab xi messaġġi telefoniċi mingħand l-attriċi li bdiet tilmenta dwar il-mod kif kienu ttrattawha xi rġiel, u kien għalhekk li ddeċieda li jmur għaliha għand ħabiba tagħha u wara saqu sal-Għargħur, fejn anki ġie kkunsmat xi xorb alkoħoliku. Il-konvenut żied jgħid li f'ħin minnhom l-attriċi ssuġġeriet li jmorru d-dar tiegħu, u waqt li kien qiegħed isuq fid-direzzjoni ta' Ta' Xbiex, f'ħin minnhom l-attriċi avviċinatu u ppruvat tkun intima miegħu. Qal li jiftakar biss li xħin qam kien hemm xi ħadd qiegħed jipprova jiftaħ l-bieba tal-vettura, u għandu l-impressjoni li l-attriċi kienet ħdejh, mitlufa minn sensiha. Qal li fil-mumenti wara l-inċident hu kien konfuż, u wara xi ħin ittieħed l-Isptar fejn dam rikoverat erbat ijiem.

Il-kontroeżami tal-konvenut **Martin Flores Martin** sar waqt l-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2018[38], fejn iddeskriva l-ammont ta' inbid li nxtorob qabel seħħ l-inċident bħala '*a few sips'.* Ix-xhud qal li fil-ħin li l-attriċi avviċinatu sabiex tipprova tkun intima miegħu, hi ma kinitx liebsa *seatbelt*, għalkemm żied jgħid li ma jafx jekk hi kinitx neżgħet iċ-ċinturin dak il-ħin, jew inkella kienx il-każ li din ma kienet libsitu xejn. Il-konvenut ma ftakarx u ma setax jagħti dettalji dwar il-pożizzjoni li kienet fiha l-attriċi fil-ħin meta seħħ l-inċident. Il-konvenut ikkonferma li l-vettura li huwa kien qiegħed isuq fil-ħin tal-inċident kienet tappartjeni lil ommu, u dik kienet l-ewwel darba li hu saq dik il-vettura. Ix-xhud qal li hu ma jiftakarx l-inċident iseħħ, iżda qal li hu jiftakar biss lill-attriċi tavviċinah biex tipprova tkun intima miegħu waqt li kien qiegħed isuq. Ix-xhud ikkonferma wkoll li kien hu li stieden lill-attriċi biex tiltaqa' miegħu '*for a bottle of wine'.*

[38] *A fol.* 415 tal-proċess.

Fl-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2019 sar il-kontroeżami ta' **Josephine sive Josette Flores Martin**[39], li qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, binha kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MFM 111 bil-kunsens tagħha. Ix-xhud qalet li jista' jkun li dik kienet l-ewwel darba li binha saq il-vettura inkwistjoni minħabba li din kienet ilha mixtrija biss madwar xahrejn. Qalet ukoll li binha qatt ma kellu bżonn juża din il-vettura qabel minħabba li dan kellu l-vettura tiegħu. Ix-xhud qalet li l-vettura kienet assigurata b'tip ta' polza *fully comprehensive* minħabba li kienet għadha ġdida, u hi ma kinitx taf li kien hemm xi restrizzjonijiet fir-rigward ta' min jista' jsuqha. Qalet ukoll li hi għadha ma istitwiet l-ebda azzjoni fil-konfront tas-soċjetà assiguratriċi b'rabta mad-danni sofferti minnha, u l-ewwel ser tistenna l-eżitu ta' dawn il-proċeduri qabel tieħu xi azzjoni fir-rigward.

Fl-istess udjenza sar ukoll il-kontroeżami tal-attriċi[40], li min-naħa tagħha qalet li hi ma tiftakar xejn dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-inċident. Qalet li hi kienet taf lill-konvenut minħabba li kienu jiffrekwentaw l-istess *bar* f'Paceville. B'riferiment għall-iskambju ta' messaġġi telefoniċi li kien hemm bejn il-partijiet[41], l-attriċi qalet li hi ma tiftakarx li dawk bagħtithom hi, iżda l-probabbilità hi li ladarba ntbagħtu min-numru tat-telefon li hi kienet tuża fiż-żmien meta seħħ l-inċident, dawk huma tagħha.

## Konsiderazzjonijiet legali

F'kawżi ta' din ix-xorta l-ewwel indaġni li trid issir mill-Qorti hija sabiex tistabbilixxi jekk il-konvenuti jew min minnhom għandhomx iġorru

[39] *A fol.* 420 tal-proċess.
[40] *A fol.* 424 tal-proċess.
[41] *A fol.* 410 *et seq.* tal-proċess.

responsabbilità għall-akkadut, u fid-dawl tal-eċċezzjoni tal-*volenti non fit iniuria* mqajma mill-konvenuti, il-Qorti tqis li fl-ewwel lok għandha teżamina il-provi sabiex jiġi stabbilit jekk jeżistux l-elementi kollha neċessarji sabiex tintlaqa' din l-eċċezzjoni, jew inkella jikkonkorrux elementi oħra li jistgħu jwasslu għal xi grad ta' responsabbilità da parti tal-konvenuti, jew ta' wħud minnhom, jew inkella jekk jirriżultax li kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-attriċi, b'mod li jkun hemm apporzjonament tar-responsabbilità għall-inċident.

Jirriżulta mill-provi li l-inċident inkwistjoni seħħ fis-sigħat bikrin tal-25 ta' Frar, 2012, wara li l-attriċi, li kienet riekba bħala passiġġiera f'vettura misjuqa mill-konvenut Mark Flores Martin, u l-istess konvenut li kien qiegħed isuq il-vettura, kienu marru f'post magħruf bħala *Top of the World* fl-inħawi tal-Għargħur, u kienu fi triqithom lura lejn id-dar tal-konvenut, meta għal xi raġuni dan tilef il-kontroll tal-vettura li kien qiegħed isuq u baqa' dieħel ġo siġra fit-triq. Konsegwenza ta' dan l-inċident l-attriċi sofriet ġrieħi sostanzjali f'rasha, liema ġrieħi affettwalha l-memorja tagħha, tant li hi m'għandha l-ebda amment tal-mod kif seħħ l-inċident, u ta' dak li ġara fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel. Dan in-nuqqas ta' memorja u l-ħsara li l-attriċi sofriet f'moħħha waqt dan l-inċident, affettwawlha l-ħajja lavorattiva u soċjali tagħha, tant li għal żmien wara l-inċident din kienet tagħmel xogħol li m'għandu x'jaqsam xejn mal-kwalifiki akkademiċi li għandha. L-attriċi ħtiġilha tattendi diversi sessjonijiet ta' terapija sabiex tirkupra wħud mill-abbiltajiet li kienet tilfet konsegwenza tal-inċident, li affettwalha wkoll l-indipendenza tagħha, tant li l-attriċi kellha terġa' tmur tgħix mal-ġenituri tagħha. Madanakollu qabel jiġi kkonsidrat l-element tad-danni sofferti mill-attriċi, il-Qorti jeħtiġilha tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-akkadut.

Mill-provi li semgħet il-Qorti u anki mill-atti tal-inkjesta, ma jirriżultax li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva meta seħħ l-inċident, imma jirriżulta li kien hemm fatturi estraneji li wasslu biex il-konvenut jitlef il-kontroll tal-vettura tiegħu. Jirriżulta mill-provi li filwaqt li l-attriċi ma kinitx liebsa *seatbelt* meta seħħ l-inċident, il-konvenut Mark Flores Martin kellu riħa qawwija ta' alkoħol, u għalkemm dan irrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs lill-Pulizija, il-Pulizija kkonstataw li Mark Flores Martin kellu riħa ta' alkoħol meta nħareġ mill-vettura. Mill-kopja tal-messaġġi skambjati bejn il-partijiet u li ġew esebiti, jirriżulta li kien il-konvenut Mark Flores Martin li stieden lill-attriċi tmur dawra miegħu fil-karozza u qalilha li ser jieħu miegħu flixkun inbid bl-iskop li jinsew il-problemi li kienu għaddejjin minnhom f'dak iż-żmien, fi kliem il-konvenut stess *"to drown our sorrows"*. Il-konvenut Mark Flores Martin allega li fil-mument meta tilef il-kontroll tal-vettura li kien qiegħed isuq, kienet l-attriċi li ħasditu b'manuvra li għamlet meta tellfitu mis-sewqan billi avviċinatu u ppruvat tkun intima miegħu, filwaqt li kienet diġà neżgħet is-*seatbelt*. Minkejja li din l-allegazzjoni dwar l-imġiba tal-attriċi mhix korroborata minn xhieda oħra għajr għal dak li qal il-konvenut, jirriżulta, anki minn dak li kkonstata l-PL Mario Buttigieg meta eżamina l-vettura li kienet involuta f'dan l-inċident, li l-pożizzjoni li kienet fiha l-attriċi meta seħħ l-inċident, ikkontribwiet ħafna għad-danni estensivi sofferti minnha. Il-fatt li l-attriċi ma kinitx bilqiegħda b'mod kif normalment wieħed għandu jpoġġi f'vettura, huwa ppruvat mill-fatt li partijiet minn xagħarha inġabru minn mad-*dashboard* tal-vettura, preċiżament mill-parti fejn hemm il-*unit* tal-arja kundizzjonata, u għalhekk il-Qorti m'għandhiex diffikultà temmen din il-verżjoni mogħtija mill-konvenut, li jirriżulta li minkejja li kien qiegħed isuq fil-limiti ta' veloċità aċċettabbli, kif ġie ppruvat xjentifikament, kien hemm

element estraneju li wassal għal dan l-inċident. Jidher ukoll, minn dak li xehdu diversi esperti tekniċi fil-kawża, li d-danni sofferti mill-attriċi ma kinux ikunu daqstant estensivi li kieku hija kienet liebsa s-*seatbelt* fil-mument tal-inċident.

Il-Qorti tqis illi f'dan l-istadju tal-konsiderazzjonijiet tagħha, in vista kemm tal-provi kif ukoll tal-eċċezzjonijiet miġjuba fil-kawża, dak li għandha tistabbilixxi huwa jekk kienx hemm xi element ta' negliġenza kontributorja da parti tal-attriċi, jew inkella jekk dak li seħħ japplikax għalih il-prinċipju ta' *volenti non fit iniuria,* skont liema prinċipju l-attriċi ma tkunx tista' tirnexxi fl-azzjoni tagħha kontra l-konvenuti f'każ li jirriżulta li hi volontarjament assumiet riskju li wassal għad-danni sofferti minnha. F'dan il-punt il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tagħmel riferiment dak li ġie stabbilit f'deċiżjonijiet oħra tal-Qrati tagħna dwar id-differenza bejn dawn iż-żewġ prinċipji, u l-applikabilità tagħhom għall-każ odjern. F'deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Manfred Alamango et noe *vs.* Philip Agius**[42], il-Qorti stabbiliet illi:

> "L-applikazzjoni tal-prinċipju *volenti non fit iniuria* jippresupponi tliet elementi: l-ewwel element huwa l-prevedibbilità tal-periklu, it-tieni element huwa r-regolamenti sabiex dan il-periklu jiġi evitat għal kollox jew biex il-probabbilità tiegħu tiġi b'xi mod imnaqqsa, u t-tielet element huwa l-ksur volontarju ta' dawk ir-regolamenti da parti ta' min iweġġa'."

F'dik id-deċiżjoni, din il-Qorti għamlet riferiment għal deċiżjoni oħra mogħtija mill-Qrati tagħna fl-ismijiet **David Gathergood *vs.* Anchor Bay Leisures Limited et**[43], fejn intqal illi:

> "Il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja, u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-

[42] P.A., 11.03.2015.
[43] P.A., 12.03.2012.

possibilità tar-riskju li dieħla għalih. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta ta' kawżalità mill-għamil tal-parti l-oħra."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Kevin Zammit *vs* Maltapost plc**[44], il-Qorti kkwotat lill-awtur Ingliż **Charlesworth** fil-ktieb, "The Law of Negligence", li għar-rigward il-prinċipju *volenti non fit iniuria* jgħid:

*"A person who makes an agreement with another either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run.*

Mill-banda l-oħra, dan il-prinċipju ġie mfisser mill-awturi **Catherine Elliott** u **Frances Quinn** li b'kuntrast mad-difiża tal-*contributory negligence,* il-prinċipju *volenti non fit iniuria* jġib miegħu difiża totali pjuttost milli mezz sabiex jiġu mnaqqsa d-danni:

*"This Latin phrase means 'no injury can be done to a willing person' and describes a defence which applies where the claimant has in some way consented to what was done by the defendant, on the basis that in giving consent the claimant was voluntarily taking the risk of harm. Unlike contributory negligence, it is a complete defence rather than a means of reducing damages: if the claimant consented, the defendant is not liable at all."*

Il-Qorti tqis illi ma ġiex ippruvat li l-attriċi meta rikbet fil-vettura misjuqha mill-konvenut Mark Flores Martin, kienet taf li dan kien xurban u aċċettat volontarjament bi qbil miegħu li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li daħlet għalih. Għaldaqstant tqis li mhuwiex applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern il-prinċipju *volenti non fit iniuria*.

Il-Qorti tqis li l-attriċi volontarjament għażlet jew li ma tilbisx is-*seatbelt* mill-bidu tal-vjaġġ, jew inkella għażlet li tinża' s-*seatbelt* fil-mument meta avviċinat

[44] P.A., 31.05.2011

lill-konvenut u ppruvat tkun intima miegħu, meta l-konvenut kien fil-kontroll tal-vettura. Kien x'kien, jirriżulta li fil-mument tal-inċident l-attriċi, b'għażla tagħha, ma kinitx liebsa s-*seatbelt*. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-konvenut kien qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċità stabbiliti għall-inħawi fejn seħħ l-inċident, kien hemm xi fattur li telliflu l-konċentrazzjoni fis-sewqan, u kawża ta' dan seħħ l-inċident. Il-konvenut jallega li l-attriċi ħasditu meta proprju għażlet li tavviċinah b'dak il-mod waqt li hu kien qiegħed fil-kontroll tal-vettura, u kien għalhekk li seħħ dan l-inċident. Il-PL Mario Buttigieg iżda kkonkluda li l-konvenut kien qiegħed isuq b'mod negliġenti minħabba l-fatt li fit-triq ma nstabu l-ebda marki ta' brejkijiet li jindikaw li l-konvenut ipprova jieħu kontroll tal-vettura jew b'xi mod ipprova jevita dan is-sinistru, u jirriżulta wkoll li l-konvenut fl-ebda waqt tal-vjaġġ ma pprova jwaqqaf lill-attriċi minn dak li kienet qiegħda tagħmel, jew ma talabha tosserva l-aktar regola bażika għall-ħarsien tas-sigurtà ta' passiġġiera f'vettura billi talabha tilbes is-*seatbelt*. Jirriżulta wkoll li l-konvenut Mark Flores Martin kien taħt l-effett tax-xorb, tant hu hekk li rrifjuta li jagħmel il-*breathalyzer test*, u għalhekk kien qiegħed issuq il-vettura b'negliġenza, b'imperizja u bi traskuraġni, u għandu jġorr ir-responsabbilità għal għemilu. Jirriżulta wkoll, u dan hu fattur li l-Qorti sejra tikkonsidra meta tiġi biex tapporzjona r-responsabbilità għad-dannni sofferti mill-attriċi, li d-danni li sofriet l-attriċi ma kinux ikunu daqstant kbar li kieku din kienet liebsa *seatbelt* kif kull passiġġier f'vettura huwa tenut li jagħmel.

**Lord Denning** fid-deċiżjoni **Froom *vs.* Butcher**[45], fejn b'riferiment għall-prinċipju tan-negliġenza kontributorja dan qal:

[45] 1976.

> *"The question is not what was the cause of the accident. It is rather what was the cause of the damage. In most accidents on the road the bad driving which causes the accident also causes the ensuing damage. But, in seatbelt cases, the cause of the accident is one thing. The cause of the damage, is another. The accident is caused by the bad driving. The damage is caused in part by the bad driving of the defendant and in part by the failure of the plaintiff to wear a seatbelt. If the plaintiff was to blame in not wearing a seatbelt, the damage is in part the result of his own fault. He must bear some share in the responsibility for the damage and his damages fall to be reduced to such extent as the court thinks just and equitable."*

Il-Qorti tqis li in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, jirriżulta li kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-attriċi u għalhekk f'kull każ ser tkun qiegħda tapporzjona r-responsabbilità skont dak li jirriżulta mill-provi.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll l-element ta' responsabbilità ta' omm il-konvent, Josephine Flores Martin li qalet li hi ma kinitx taf li binha ma kienx kopert bil-polza tal-assigurazzjoni ta' din il-vettura, u hi kien mingħaliha li wliedha t-tnejn kienu koperti biex isuqu l-vetturi tagħha. Waqt id-depożizzjoni tagħha, il-konvenuta Josephine Flores Martin qalet li hi kienet tat il-kunsens tagħha lil binha biex isuq din il-vettura, tant li meta dan irritorna lura d-dar tagħha wara lejl barra ma' sħabu u ddeċieda li jerġa' joħroġ sabiex jiltaqa' mal-attriċi, ma kellu l-ebda problema jsib iċ-ċwievet ta' din il-vettura u jaqbad u joħroġ biha.

Kwantu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili mqajma mill-konvenuta Josephine Flores Martin, fl-imsemmi artikolu jingħad illi:

> "Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali."

L-artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali, min-naħa l-oħra jipprovdi illi:

> "Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:
>
> (e) bl-għeluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija, għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjoni."

F'dan il-każ jidher li r-reat li setgħet tinstab ħatja tiegħu l-konvenuta Josephine Flores Martin huwa dak li jaqa' taħt l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri l-att li ppermettiet persuna ssuq vettura tagħha meta din ma kinitx koperta b'polza assigurattiva, għal liema att il-proċediment jista' jsir fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat, jew fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf bir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skont liema żmien minnhom ikun l-itwal. Għaldaqstant jirriżulta li fil-konfront tal-konvenuta Josephine Flores Martin, l-azzjoni odjerna hija preskritta.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti qiegħda tapporzjona r-responsabbilità għall-inċident mertu tal-kawża fil-grad ta' terz għall-attriċi, u żewġ terzi għall-konvenut Mark Flores Martin.

Hekk stabbilita r-responsabbilità rispettiva tal-partijiet għad-danni sofferti mill-attriċi, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida id-danni sofferti minnha.

*Damnum emergens:*

L-attriċi ma ressqet ebda pretensjoni għal-likwidazzjoni ta' danni materjali, u ma tressqu l-ebda provi minnha f'dan ir-rigward, u għalhekk il-Qorti sejra

tgħaddi biex tillikwida d-danni konsistenti fit-telf ta' qligħ futur minħabba fid-debilità permanenti sofferta mill-attriċi.

*Lucrum cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[46], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-dannegġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-dannegġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-dannegġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[47], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti dannegġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

F'dan il-każ jirriżulta li l-attriċi kellha tnejn u tletin (32) sena meta seħħ l-inċident inkwistjoni. Il-konsulent mediku Dr Norbert R. Vella, li eżamina lill-attriċi madwar tnejn u għoxrin xahar wara li seħħ l-inċident, stabbilixxa li din sofriet debilità permanenti ta' 16%, filwaqt li l-konsulent mediku Dr Anton

[46] P.A., 18.02.2013.
[47] P.A., 27.04.2005.

Grech, li eżamina lill-attriċi għadd ta' drabi u ddepona f'Novembru tal-2017, stabbilixxa li l-attriċi sofriet debilità permanenti ta' 10%. Il-Qorti ser tkun qiegħda tadotta r-rata ta' debilità permanenti kif stabbilita minn Dr Grech in vista tal-fatt li kien huwa li baqa' jsewgi lill-attriċi għal tul ta' żmien, u għalhekk il-Qorti tqis li l-konklużjonijiet milħuqa minnu huma dawk li l-aktar li jagħtu stampa reali ta' kif aktarx li ser tipperdura l-kundizzjoni ta' saħħet l-attriċi fuq tul ta' żmien. Jirriżulta wkoll li fis-sena 2011, is-sena ta' qabel dik li fiha seħħ l-inċident, l-attriċi kellha dħul ta' €3,062 għall-perijodu bejn Mejju u Diċembru tal-2011, li hu ż-żmien li fih kellha impjieg bi qligħ. Madanakollu, il-Qorti kkonsidrat il-livell akkademiku tal-attriċi, u l-fatt li fi snin preċedenti din kellha dħul ferm aktar sostanzjali minn hekk, u għaldaqstant ser tkun qiegħda tibbaża l-kalkoli tagħha almenu fuq il-paga minima nazzjonali, stante li jidher ċar li bil-kuntratt ta' xogħol li kellha l-attriċi din lanqas il-paga minima nazzjonali ma kienet titħallas. Fis-sena 2011, il-paga minima nazzjonali kienet ta' €153.45 fil-ġimgħa għal persuni li għalqu l-età ta' tmintax-il sena, u għalhekk il-paga minima nazzjonali għas-sena 2011 kienet ta' €7,979.40 jew €7,182 netti.

F'deċiżjoni pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[48], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal ta' dan il-każ:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et'**,

[48] P.A., 25.02.2016.

(Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona vs Asphar**', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**, Appell, 20.07.1994)."

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[49] mogħtija mill-Qorti tal-Appell, ġie stabbilit li hu:

"In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life*.

...

Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

---

[49] 05.03.1986.

Fis-snin riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u f'każ ta' persuna fl-età ta' tnejn u tletin (32) sena, ġie indikat li l-*multiplier* għandu jkun ta' 25. Is-salarju bażiku li qiegħed jiġi stabbilit li l-komputazzjoni tat-telf ta' qligħ ta' Lucienne Pace Gouder għandu jinħadem fuqu, għandu jiġi aġġustat skont ir-rata tal-inflazzjoni għas-snin kollha tal-*multiplier*[50]*,* sabiex b'hekk il-Qorti ser tkun qiegħda tagħmel il-komputazzjoni fuq dħul medju ta' €7,182 + €8,905.68 / 2 = €8,043.84.

L-evolviment ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti fir-rigward tal-komputazzjoni li trid issir, li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien tal-proċeduri. Fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Agius et *vs.* All Services Ltd**[51], ġie ritenut mill-Qorti illi:

> "F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (*lump sum payment*) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."

Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti tqis li ma kienx hemm tali dewmien, u ma jirriżultax li xi parti jew oħra ppruvat iddewwem il-proċeduri inutilment.

Għalhekk is-somma li qiegħda tiġi likwidata bħala *lucrum cessans* favur l-attriċi hija ta' €8,043.84 x 25 (*multiplier*) = €201,096 x 10% diżabilità = €20,109.60 - 20% (*lump sum payment*) = €16,087.68, (sittax-il elf u sebgħa u

[50] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni fis-snin li għaddew skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.
[51] P.A., 02.06.2005.

tmenin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu). In vista tal-fatt li r-responsabbilità għall-inċident ġiet apporzjonata fis-sehem ta' terz għall-attriċi u ta' żewġ terzi għall-konvenut Mark Flores Martin, il-konvenut Mark Flores Martin għandu jħallas lill-attriċi bħala danni s-somma ta' €10,725.12 (għaxart elef, seba' mija u ħamsa u għoxrin Euro u tnax-il ċenteżmu).

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Josephine Flores Martin u tiddikjara li t-talbiet attriċi huma preskritti fir-rigward tal-istess konvenuta;**
2. **Tiċħad l-ewwel, it-tieni u tielet eċċezzjoni tal-konvenut Mark Flores Martin, filwaqt li tilqa' r-raba' eċċezzjoni tiegħu;**
3. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta Gasan Mamo Insurance Limited limitatament sa fejn dawn jolqtu l-element ta' responsabbilità tas-soċjetà konvenuta għall-inċident, mingħajr ma teżimi lill-istess soċjetà assiguratriċi mir-responsabbiltajiet tagħha taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;**
4. **Tiddikjara li l-konvenut Mark Flores Martin huwa parzjalment responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan nhar il-25 ta' Frar, 2012 waqt li huwa kien qiegħed isuq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni MFM 111;**

5. **Tillikwida d-danni dovuta lill-attriċi mill-konvenut Mark Flores Martin u mis-soċjetà konvenuta *in solidum* bejniethom, fis-somma ta' għaxart elef, seba' mija u ħamsa u għoxrin Euro u tnax-il ċenteżmu (€10,725.12);**

6. **Tikkundanna lill-konvenut Mark Flores Martin u s-soċjetà konvenuta *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attriċi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut Mark Flores Martin. L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal terz mill-attriċi u kwantu għal żewġ terzi mill-konvenut Mark Flores Martin.**

Moqrija.